**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 88/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Id-Direttur Generali Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 7 ta' Novembru 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXX fl-14 ta' Marzu 2013 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal, in vista tar-Regolament 12 tar-Regolamenti Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Hlas lura ta' Taxxa Tas-Sisa fuq Hazniet Kummercjali), Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, u tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti: (i) jikkonferma li l-imghax dovut lilu mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fuq l-ammonti dovuti mill-istess Direttur Generali, ghandu jigi kalkolat bil-metodu ta' *compound interest* u mhux ta' *simple interest*, u skond il-kalkoli pprezentati minnu stess markati Dok. "A" anness mar-Rikors promotur; u (ii) konsegwentement jordna lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sabiex ihallas l-ammont lilu dovut sad-data ta' decizjoni eventwali tat-Tribunal, liema ammont sat-28 ta' Frar 2013 kien jammonta ghal €91,923 u dan skond l-imsemmi Dok. "A"; bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lilu kontra d-Direttur Generali;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 4 sa' 10 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) mir-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01 jirrizulta b'mod car li l-imghax li ghandu jithallas mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fuq refuzjonijiet minnu dovuti lil *taxpayer* huwa *simple interest* u dana billi l-formula rizultanti w applikabbli hija ammont ta' refuzjoni x 1% x numru ta' xhur minn meta r-refuzjoni tkun dovuta sa' meta effettivament tithallas; (ii) fis-sentenzi pronuncjati mill-Prim' Awla tal-Qorti

Civili fl-ismijiet "Darval Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" u "Darmanin Footwear Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", entrambe decizi fit-28 ta' Mejju 2003, li kienu jittrattaw dwar kundanna hlas ai termini tar-Regolamenti mertu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti applikat il-formula hawn indikata ghall-fini tal-kalkolu u konsegwenti imposizzjoni ta' imghax u ghaldaqstant jirrizulta li dan huwa l-uniku mod ta' kif jigi komputat l-imghax dovut fuq refuzjonijiet a tenur tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01 u kwalunkwe metodu iehor, inkluz dak prospettat mir-Rikorrent, ma huwiex korrett; (iii) in kwantu rigwarda l-analogija da parte tar-Rikorrent fejn jghid li l-imghax li huwa jhallas fuq pagamenti tardivi dovuti lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jigi kalkolat bil-metodu ta' *compound interest*, fl-ewwel lok il-mod kif id-Direttur Generali jikkalkola l-imghax dovut fuq pagamenti tardivi tat-taxxa ma huwiex il-mertu tal-proceduri odjerni in kwantu mhux regolat bir-Regolamenti mertu ta' dawn il-proceduri izda bi provvedimenti appoziti fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz, ma huwiex minnu li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkomputa l-imghax fuq pagamenti tardivi tat-taxxa bil-metodu ta' *compound interest*; u (iv) ghaldaqstant, ma huwa dovut l-ebda ammont ulterjuri lir-Rikorrent;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "VAT1" sa' Dok. "VAT3" a fol. 18 sa' 28 tal-process;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent u d-dokumenti annessi mieghu esebiti permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Ottubru 2013 a fol. 38 sa' 48 tal-process u ra l-affidavit ulterjuri tar-Rikorrent u d-dokumenti annessi mieghu pprezentati mir-Rikorrent stess waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013[1] a fol. 50 sa' 54 tal-process u sema' x-xhieda moghtija minnu waqt is-seduti ta' l-24 ta' Frar 2014[2], tat-13 ta' Gunju 2014[3] u ta' l-1 ta' Dicembru 2014[4] u ra d-dokumenti esebiti minnu permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Marzu 2014 a fol. 84 sa' 88 tal-process u d-dokument esebit minnu waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2014 markat Dok "GV" a fol. 104 sa' 108 tal-process, sema' x-xhieda ta' Charles Farrugia moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013[5] u x-xhieda ta' Godwin Valletta moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[6], ra l-affidavit ta' Roderic Sultana, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), u d-dokument anness mieghu esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' Nota ipprezentata fl-1 ta' Dicembru 2014 a fol. 109 sa' 114, sema' x-xhieda ta' Roderic Sultana moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Marzu 2015[7], tas-27 ta' April 2015[8] u tat-18 ta' Jannar 2016[9] u tat-2 ta' Mejju 2016[10] u ra d-dokumenti markati Dok. "AB1" u Dok. "AB2" a fol. 121 sa' 123 tal-process, id-dokumenti markati Dok.

[1] Fol. 55 u 56 tal-process.
[2] Fol. 79 sa' 83 tal-process.
[3] Fol. 92 sa' 99 tal-process.
[4] Fol. 115 sa' 119 tal-process.
[5] Fol. 57 sa' 59 tal-process.
[6] Fol. 71sa' 77 tal-process.
[7] Fol. 124 sa' 136 tal-process.
[8] Fol. 144 sa' 157 tal-process.
[9] Fol. 180 sa' 183 tal-process.
[10] Fol. 198 sa' 212 tal-process.

"RS1" sa' Dok. "RS3" a fol. 138 sa' 143 tal-process, il-minuti mill-file tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud relattiv ghar-Rikorrent markati Dok. "X" esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 158 sa' 167 tal-process, id-dokument esebit waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2016 a fol. 172 sa' 179 tal-process, id-dokumenti markati Dok. "RS" esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' Nota pprezentata fit-22 ta' Jannar 2016 a fol. 184 u 185 tal-process u d-dokument Dok. "GV" esebit waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2016 a fol. 189 sa' 197 tal-process;

Ra d-Digriet moghti fil-5 ta' Awwissu 2014 a fol. 100 u 101 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent u d-dokumenti annessi maghha ipprezentati fid-29 ta' Lulju 2016 a fol. 214 sa' 226 tal-process u ra n-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ipprezentata fil-31 ta' Jannar 2017 a fol. 247 sa' 257 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li biha rrifjuta t-talba tieghu ghall-hlas ta' imghax, komputat bil-metodu ta' *compound interest,* fuq refuzjoni ta' taxxa tas-Sisa minnu mitluba fil-21 ta' Gunju 1999. Huwa in effetti jikkontendi li fil-21 ta' Gunju 1999 kien ghamel talba ghar-refuzjoni ta' taxxa tas-Sisia fl-ammont ta' €73,619.85 a tenur tar-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Hlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Hazniet Kummercjali), Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, liema refuzjoni kienet lilu dovuta fit-30 ta' Settembru 1999. Fl-20 ta' Ottubru 2000 ircieva minghand id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) is-somma ta' €39,299.98 u fis-16 ta' April 2012 ircieva hlas ulterjuri ta' €5,099.92 rapprezentanti imghax fuq is-somma ta' €39,299.98 komputat bir-rata ta' 1% fix-xahar, ossia komputat bil-metodu ta' *simple interest*. Ir-Rikorrent baqa' jesigi hlas tas-somma ulterjuri ta' €34,390.87, oltre l-imghax dovut fuqha. Eventwalment ircieva minghand id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) is-somma ta' €34,398 rapprezentanti t-taxxa propria li kienet ghadha dovuta lilu w is-somma ta' €50,896 rapprezentanti imghax komputat bil-metodu ta' *simple interest* fuq is-somma ta' €34,398. Ir-Rikorrent jippretendi però li l-ammont effettivament dovut lilu sa' l-10 ta' Jannar 2012 kien ta' €170,727.74 in kwantu l-imghax dovut fuq ir-refuzjoni ta' taxxa mitluba minnu kellu jigi komputat bil-metodu ta' *compound interest* u mhux bil-metodu ta' *simple interest*. B'ittra datata 30 ta' Lulju 2012[11] ir-Rikorrent gharraf lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li kien ghadu dovut lilu, sa' dak iz-zmien, l-ammont ta' €85,738[12], liema pretensjoni giet respinta mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)

[11] Dok. "B" a fol. 5 sa' 7 tal-process.

[12] Pretensjoni li sad-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri kompliet tizdied u fil-fatt at cut-off date 28 ta' Frar 2013, il-pretensjoni tieghu kienet ghall-hlas tas-somma ta' €91,923.

b'ittra datat 6 ta' Ottubru 2012[13], in kwantu fil-fehma tieghu ir-Rikorrent thallas dak kollu lilu dovut. Peress illi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma accettax it-talba tar-Rikorrent, l-istess Rikorrent ressaq din ir-referenza quddiem it-Tribunal fejn essenzjalment jitlob li t-Tribunal: (i) jikkonferma li l-imghax dovut lilu mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fuq l-ammonti dovuti mill-istess Direttur Generali, ghandu jigi komputat bil-metodu ta' *compound interest* u mhux ta' *simple interest*; u (ii) konsegwentement jordna lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sabiex ihallas l-ammont lilu dovut sad-data ta' decizjoni eventwali tat-Tribunal, liema ammont sat-28 ta' Frar 2013 kien jammonta ghal €91,923 u dan skond konteggi maghmula minn stess u esebiti bhala Dok. "A" anness mar-Rikors promotur[14].

Il-kontestazzjoni tar-Rikorrent giet minnu sintetikament esposta fil-paragrafu 10 tar-Rikors promotur fejn jippremetti li *l-metodu ta' komputazzjoni ta' l-imghax uzat mid-Dipartiment tal-VAT biex wasal ghall-ammont ta' imghax li hu dovut lill-esponent huwa wiehed ta' "**simple interest**", filwaqt illi dan il-metodu minflok kellu jkun ta' "**compound interest**". Fil-fatt l-esponent ghal diversi drabi gie ccargjat imghax mill-istess Dipartiment tal-VAT f'cirkostanzi opposti (u cioè meta l-esponent kellu jaghti lid-Dipartiment), imghax li kien gie ikkalkulat bil-metodu ta' "**compound interest**" u gie li anki rcieva rifuzjonijiet ohra dovuti lilu mid-Direttur Generali intimat ukoll mahduma bis-sistema ta' "compound interest". L-esponent ghandu wkoll rendikontijiet li gew mahruga mid-Dipartiment li juru imghax impost bil-metodu ta' "compound interest" (u dan assolutament mhux minhabba l-meotdu li bih jigi approprjat il-pagament skont l-Artikolu numru 67 tal-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif sostna d-Dipartiment tal-VAT fil-korrispondenza tieghu tas-6 ta' Ottubru 2012 izda proprju ghaliex hija l-prassi tad-Dipartiment li jikkalkolaw l-imghax bis-sistema ta' "compound interest")*[15].

Min-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent jirrizulta konfermat li l-pretensjonijiet tieghu huma principalment ibbazati fuq is-segwenti argumenti: (i) ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Hlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Hazniet Kummercjali), Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, stess jipprovdu ghall-imghax bil-metodu ta' *compound interest*[16], (ii) hija prassi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li meta jrid jeffettwa hlasijiet jikkomputa l-imghax bil-metodu *compound*[17]; (iii) meta d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu jithallas minghand it-*taxpayer*, l-imghax impost jigi kalkolat bil-metodu *compound*[18]; (iv) fid-dawl ta' dan kollu, huwa ghandu aspettitva legittima li l-imghax dekoribbli fuq pagamenti dovuti lilu jigi komputat bil-metodu *compound*[19]; u (v) il-kazistika citata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) in sostenn tal-pretensjoni tieghu li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkomputa l-imghax bil-metodu ta' *simple interest* u mhux ta' *compound*

[13] Dok. "C" a fol. 8 u 9 tal-process.
[14] Fol. 4 tal-process.
[15] Fol. 2 tal-process.
[16] Paras. 4.1 sa' 4.4 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.
[17] Paras. 4.5 sa' 4.13 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.
[18] Paras. 4.14 sa' 4.26 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.
[19] Paras. 4.366 sa' 4.44 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.

*interest*, in verità ma hija ta' ebda sostenn ghall-pretensjoni ta' l-istess Direttur Generali[20].

Il-pretensjonijiet tar-Riorrent però huma kategorikament michuda u kontestati mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jikkontendi li t-talbiet tar-Rikorrent ghandhom jigu michuda stante li: (i) mir-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01 jirrizulta b'mod car li l-imghax li ghandu jithallas mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fuq refuzjonijiet minnu dovuti lil *taxpayer* huwa *simple interest* u dana billi l-formula rizultanti w applikabbli hija ammont ta' refuzjoni x 1% x numru ta' xhur minn meta refuzjoni tkun dovuta sa' meta effettivament tithallas; (ii) fis-sentenzi pronuncjati mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Darval Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" u "Darmanin Footwear Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", entrambe decizi fit-28 ta' Mejju 2003, li kienu jittrattaw dwar kundanna hlas ai termini tar-Regolamenti mertu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti applikat il-formula hawn indikata ghall-fini tal-kalkolu u konsegwenti imposizzjoni ta' imghax u ghaldaqstant jirrizulta li dan huwa l-uniku mod ta' kif jigi komputat l-imghax dovut fuq refuzjonijiet a tenur tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01 u kwalunkwe metodu iehor, inkluz dak prospettat mir-Rikorrent, ma huwiex korrett; (iii) in kwantu rigwarda l-analogija da parte tar-Rikorrent fejn jghid li l-imghax li huwa jhallas fuq pagamenti tardivi dovuti lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jigi kalkolat bil-metodu ta' *compound interest*, fl-ewwel lok il-mod kif id-Direttur Generali jikkalkola l-imghax dovut fuq pagamenti tardivi tat-taxxa ma huwiex il-mertu tal-proceduri odjerni in kwantu mhux regolat bir-Regolamenti mertu ta' dawn il-proceduri izda bi provvedimenti appoziti fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz, ma huwiex minnu li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkomputa l-imghax fuq pagamenti tardivi dovuti lilu bil-metodu ta' *compound interest*; u (iv) ghaldaqstant, ma huwa dovut l-ebda ammont ulterjuri lir-Rikorrent.

Ir-Regolament 12 tar-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Hlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Hazniet Kummercjali), Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, jipprovdi li *jkun dovut mill-Kummissarju lil persuna li jkollu jinghatalha hlas lura skond dawn ir-regolamenti imghax* ***bir-rata ta' 1% ghal kull xahar jew parti***[21] *minnu mid-data meta l-hlas lura jsir dovut sad-data meta dan jithallas jew meta cheque jew draft ghall-hlas tieghu jinghata jew jigi impustat lil dik il-persuna mill-Kummissarju*. Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-Ligi r-Rikorrent jikkontendi li *harsa lejn din id-disposizzjoni turi kemm l-imghax ghandu jigi kkalkulat mhux bir-rata annwali ta' 12% izda bir-rata ta' 1% kkalkulata kull xahar jew parti minnu. Qed jigi sottomess umilment li dan wahdu diga juri li l-metodu ta' kalkolu ta' l-imghax huwa ta' "compound interest" u mhux ta' "simple interest", kif fil-fatt innota t-Tribunal innifsu waqt ix-xhieda ta' Godwin Valletta fejn qal "Ghax jekk compound bil-one percent". Altrimenti ghalfejn il-legislatur se joqghod jitlob li l-imghax jigi kkalkulat b'rata*

[20] Paras. 4.32 sa' 4.35 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.
[21] Enfasi tat-Tribunal.

*ta' 1% fix-xahar jew parti minnu? Dan zgur ghandu jfisser li kif jghaddi xahar, l-imghax li jkun gie impost jizdied mat-taxxa dovuta u fix-xahar ta' wara jerga' jithallas l-imghax fuq is-somma globali dovuta (cioè inkluz l-imghax tax-xahar ta' qabel – u cioè bil-metodu ta' compound interest). Illi kieku ma kienx hekk, kieku allura ma kien ikun hemm ebda differenza bejn kalkolu ta' 1% fix-xahar (kif titlob il-ligi) u kalkolu ta' 12% fis-sena mentri huwa principju ben stabbilit ta' interpretazzjoni li l-ligi ghandha kemm jista' jkun tigi interpretata sabiex id-disposizzjoni partikolari tinghatalha tifsira[22].*

It-Tribunal qies bir-reqqa din is-sottomissjoni partikolari tar-Rikorrent izda bl-ebda mod ma jista' jaqbel mieghu li d-dicitura tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, partikolarment fejn jinghad li l-imghax jigi komputat bir-rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu, fiha nfisha turi li l-metodu ta' komputazzjoni ta' l-imghax hemm kontemplat huwa dak ta' *compound interest*.

Id-differenza bejn rata ta' imghax ta' 12% fis-sena u rata ta' imghax ta' 1% fix-xahar jew parti minnu essenzjalment hija li fejn ir-rata hija wahda ta' 12% fis-sena, jekk il-pagament jigi effettwat f'nofs xahar partikolari r-rata ghal dak ix-xahar partikolari tinhadem *pro rata* mentri fejn ir-rata hija wahda ta' 1% fix-xahar jew parti minnu jfisser li anke jekk il-pagament jigi effettwat f'nofs ix-xahar jew addirittura fit-tieni gurnata tax-xahar, ir-rata ta' imghax ma tkunx *pro rata* izda tapplika r-rata shiha ta' 1%. Biex ikun hemm komputazzjoni a bazi ta' *compound interest* kif pretiz mir-Rikorrent, l-imghax rizultanti ghall-ewwel xahar fuq is-somma ta' €50 jerga' jizdied mal-kapital u l-imghax ghat-tieni xahar jinhadem fuq il-kapital + l-imghax ta' l-ewwel xahar u l-kalkolu jibqa' sejjer hekk sakemm jigi komputat l-imghax fuq erba' xhur u nofs, li fil-verità huwa fuq hames xhur peress illi r-rata hija ghal kull xahar jew parti minnu.

Ezempju semplici ta' dan osservat huwa s-segwenti: jekk is-somma ta' €50 dovuta lil *taxpayer* tithallas erba' xhur u nofs tard, l-imghax komputat b'rata ta' 12% fis-sena jkun ta' **€2.25** mentri l-imghax komputat b'rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu jkun ta' **€2.50**. Kieku verament kellu jigi adottat il-metodu ta' *compound interest* kif pretiz mir-Rikorrent – fejn f'dan il-kaz ikun kalkolat kull xahar peress illi r-rata hija ta' 1% fix-xahar jew parti minnu – l-imghax dovut ikun ta' **€2.57**.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll illi hija prassi tad-Dipartiment li jhallas imghax bil-metodu ta' *compound interest* meta huwa l-istess Dipartiment li ghandu jaghti refuzjoni lit-*taxpayer*. Ir-Rikorrent jibbaza din il-pretensjoni fuq ix-xhieda moghtija minn Godwin Valletta, li fiz-zmien kien VAT Inpsector mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u minn Charles Farrugia, li kien l-*accountant* tieghu, u fuq pagament li gie maghmul lilu fejn skontu d-Dipartiment irrikonoxxa li l-imghax dovut kien effettivament dovut a bazi tal-metodu ta' *compund interest* u mhux a bazi tal-metodu ta' *simple interest*.

[22] Paras. 4.1 sa' 4.3 tal-process.

Fir-rigward ir-Rikorrenti jikkontendi li *huwa relevanti wkoll li, kif irrizulta mix-xhieda ta' Godwin Valletta, ir-rikorrent f'kaz iehor separat (meta din id-darba kien hu li kellu jiehu ammonti dovuti lilu mid-Dipartiment tal-VAT u kien talab kumpens ghad-differenza fl-imghax dovut lilu mid-Dipartiment, rapprezentanti differenza fil-kalkolu ta' l-imghax bil-metodu ta' 'compound interest' u bil-metodu ta' 'simple interest') id-Dipartiment tal-VAT kien fil-fatt qabel ma' l-esponenti li kien ghad fadal imghax dovut minnu lill-esponenti u hallsu d-differenza kollha kemm, fuq bazi ta' compound interest, proprju kif kien talab l-esponenti. Illi huwa rilevanti hafna ... li dan kollu gara proprju wara li r-rikorrent kellu diskussjonijiet twal ma' l-ufficjal tad-Dipartiment tal-VT flimkien ma' l-accountant tieghu, Charles Farrugia. Dan gie ukoll ikkonfermat fix-xhieda ta' Charles Farrugia tat-8 ta' Ottubru 2013 fejn qal: "... u meta cempilna l-VAT qalulna fil-15 tax-xahar jidhlu l-interessi w imbaghad jergghu jghoddu l-interessi fuq il-full amount bl-interessi b'kollox meta d-dipartiment qed jigbor il-VAT u l-interessi". Illi fil-fatt, fix-xhieda tieghu, Godwin Valletta – bhala eks-VAT inspector – ukoll ikkonferma illi d-decizjoni tad-Dipartiment tal-VAT fil-kaz imsemmi hawn fuq fil-paragrafu 4.5, kienet li l-esponenti jinghata d-differenza tas-somma ta' l-interessi sabiex b'hekk l-esponenti ikun gie imhallas mid-Dipartiment imghax bil-metodu compound kif suppost. Illi fil-fatt is-Sur Valletta ta wkoll spjegazzjoni ghalfejn ir-refund hareg manwali – cioè minhabba li s-sistema kienet giet mibdula f'manual u meta xi hadd jmur juza s-sistema wara li jinbidel il-funzjoni ghal dik ta' manual is-sistema ma tahdimx kif suppost. Ghaldaqstant, is-Sur Valletta kkonferma li kien proprju ghalhekk li d-differenza tar-refund hareg lill-esponenti bhala manual fejn qal li 'Imbaghad meta konna sibna dak li ma hadmitx sewwa u taghjnih" id-differenza minhabba li s-sistema ma hadmitx tajjeb ir-refund li kien dovut u cioè bil-metodu compound. Aktar minn hekk is-Sur Godwin Valletta ikkonferma b'mod esplicitu fix-xhieda tieghu bhala risposta ghall-mistoqsija li saritlu mit-Tribunal, illi l-imghax jigi imhallas "compound, voldieri l-istess kif jinhadem, voldieri, jekk jinhadem kemm ghandu jaghti lid-dipartiment, compound interest". Illi allura jidher car li galadarba fil-passat ittiehdet id-decizjoni li l-pagament ta' l-imghax lill-esponenti ghandu jsir fuq bazi ta' "compound interest" (fatt dan li, avolja gie kontestat inizjalment mir-rapprezentant ta' l-intimat tul seduta shiha tat-12 ta' Marzu 2015, eventwalment ma baqax jigi iktar ikkontestat mill-istess rapprezentant) minhabba li l-ligi tipprovdi li l-imghax ghandu jithallas bil-1% fix-xahar, jidher car li l-prassi tad-Dipartiment ghall-implimentazzjoni ta' l-artikolu rilevanti ta' l-Att tal-VAT dwar imghax (u, kwindi, anki tar-Regolamenti) huwa proprju dak li l-imghax jithallas fuq imghax u cioè bil-metodu 'compound interest'. Fuq dan il-punt fil-fatt, l-esponent jghid fix-xhieda tieghu ta' l-1 ta' Dicembru 2014, u bir-ragun, li: "mela jekk id-dipartiment lili baghtli dak ic-cheque dak accetta li kellu jhallasni bil-compound interest u mhux bis-simple interest". Illi fix-xhieda tieghu tat-8 ta' Ottubru 2013, is-Sur Charles Farrugia ikkonferma li meta l-esponenti f'kaz iehor tal-VAT ghamel talba lid-Dipartiment tal-VAT ghad-differenza fl-interessi bejn dawk li kienu thallsu mid-Dipartiment tal-VAT lir-rikorrent, id-Dipartiment kien qabel li r-rikorrent ghandu jinghata d-differenza tal-bilanc fl-interessi u cioè li jithallas interessi*

*bil-metodu tal-'compound interest', bl-istess mod kif l-esponenti kien hallas lid-Dipartiment fil-kaz oppost meta l-esponenti kellu jaghti il-VAT lid-Dipartiment*[23].

Il-fatti wara din il-kwistjoni partikolari huma s-segwenti: ir-Rikorrent kien appella minn numru ta' stimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dawn l-istimi kienu kollha nhargu fis-16 ta' Gunju 1998 u komplessivament kienu jammontaw ghal Lm8,151.16. Ir-Rikorrent irnexxa fl-appell tieghu mill-imsemmija stimi u l-istess gew ikkancellati bil-konsegwenza li s-somma ta' Lm8,151.16 kellha tigi rifuza mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lir-Rikorrent. Fis-16 ta' Awwissu 2006 id-Dipartiment hallas lir-Rikorrent is-somma ta' Lm17,525.04, izda r-Rikorrent gharraf lid-Dipartiment li skond il-konteggi tieghu – konteggi komputati a bazi ta' *compound interest* – l-ammont globali dovut lilu kien ta' Lm21,612.90 b'dana li kien fadal bilanc ta' Lm4,087.86 dovut lilu bl-imghax ulterjuri dekoribbli mill-15 ta' Awwissu 2006. Bhala fatt it-talba tar-Rikorrent giet accettata u fil-15 ta' Gunju 2008 inhareg pagament a favur tar-Rikorrent fl-ammont komplessiv ta' €11,614.74 konsistenti fis-somma ta' €9,520.28 (ekwivalenti ghal Lm4,087.05) bhala sorte u s-somma ta' €2,094.46 (ekwivalenti ghal Lm899.15) rapprezentanti l-imghax fuq is-sorte. B'dan il-pagament giet in parte accettata l-pretensjoni tar-Rikorrent li r-refuzjoni tas-somma ta' Lm8,151.16 kienet dovuta lilu bl-imghax komputat fuq bazi ta' *compound interest*.

It-Tribunal appozitament jghid li l-pretensjoni tar-Rikorrent li l-imghax fuq refuzjonijiet jinhadem fuq bazi ta' *compound interest* giet **accettata in parte** u dana billi ghalkemm mill-atti processwali, inkluzi l-minuti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) b'Nota pprezentata fit-30 ta' April 2015 a fol. 158 sa' 167 tal-process, jirrizulta li d-Dipartiment accetta li jhallas is-somma bilancjali ta' Lm4,087.05 – li kjarament kienet tinkludi komputazzjoni ta' imghax fuq bazi ta' *compound interst* – l-imghax fuq dik is-somma ma thallasx a bazi ta' komputazzjoni ta' *compound interest* izda a bazi ta' komputazzjoni bil-metodu ta' *simple interest*. In fatti l-imghax bir-rata ta' 1% ghal kull xahar jew parti minnu komputat fuq bazi ta' *simple interest* fuq is-somma ta' €9,520.28 dekoribbli mill-15 ta' Awwissu 2008 – li hija d-data minn meta r-Rikorrent kien qed jippretendi li kellu jibda jiddekorri l-imghax skond ittra lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 18 ta' Ottubru 2006[24] - sal-15 ta' Gunju 2008 – id-data tal-hrug tal-pagament[25] - ossia fuq firxa ta' 22 xahar, jammonta ghal €2,094.46, li huwa appuntu l-ammont li thallas lir-Rikorrent.

Ghaldaqstant, dan l-episodju bejn ir-Rikorrent u d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma jaghtix risposta cara u kristallina daqs kemm jippretendi r-Rikorrent li l-imghax fuq refuzjoni dovuta mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu jigi komputat fuq bazi ta' *compound interst* u mhux ta' *simple interest* u lanqas ma jista' jigi kkunsidrat li a bazi ta' hekk l-istess

[23] Paras. 4.5 sa' 4.10 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti.
[24] Fol. 46 tal-process.
[25] Fol. 47 tal-process.

Rikorrent ghandu aspettattiva legittima li l-imghax fuq refuzjonijiet dovuti lilu ghandu dejjem u *per forza* jigi komputat bil-metodu ta' *compound interest*.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li *l-metodi ta' komputazzjoni tad-Dipartiment huma intizi biss sabiex jostru n-natura ta' l-imghax bhala 'compound interest' ghaliex l-effett ta' l-imghax li jiccargja d-Dipartiment huwa proprju ta' 'compound interest'*. Fir-rigward fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu r-Rikorrent jissottometti li *hemm argument iehor li juri proprju kemm il-metodi tad-Direttur Generali intimat – inkluza l-komputazzjoni tas-Sur Roderic Sultana u l-argument akkomodanti tieghu fejn jghid li l-kreditu tat-tax payer jerga' jigi rijallokat b'lura kull xahar – huma intizi sabiex ma jaghmlu xejn hlief li jostru n-natura vera ta' l-imghax bhallikieku hija 'simple interest' mentri fir-realtà huwa ta' natura ta' compound interest. Fir-realtà, minkejja l-isem li jtih id-Direttur Generali intimat, l-effett tal-metodi adoperati minnu huwa ta' 'compound interest' u l-prassi adoperata, kif wera l-esponent, huwa li d-Dipartiment tal-VAT ukoll hallas fil-passat bil-metodu ta' 'compound interest'. Illi fil-fatt, kif jidher fit-tabella hawn annessa bhala Dok. 2* (fol. 239 u 240 tal-process) *jekk niehdu l-istess ezempju li gab is-Sur Roderic Sultana wiehed jista' facilment jasal ghall-konkluzzjoni li l-konteggi li pprezenta Roderic Sultana proprju juru kemm id-Dipartiment dejjem jigbor l-imghax bil-metodu ta' 'compound interest' u kemm, avolja d-Dipartiment konvenjentement isejjahlu mod iehor, fir-realtà l-effett kollu ta' dak li qed jigbor id-Dipartiment huwa proprju ta' imghax 'compound'*[26].

Ir-Rikorrent hawn qed jaghmel referenza ghall-*workings* esebiti minn Roderic Sultana flimkien ma' l-affidavit tieghu a fol. 110 sa' 114 tal-process. L-imsemmi Roderic Sultana, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, iddikjara li *l-argument ta' l-appellanti li fil-kaz in ezami l-Kummissarju hadem bis-sistema compound m'huwiex korrett, peress illi s-sistema uzata fid-Dipartiment tal-VAT hija sistema pprogrammata, li tikkalkula l-imghax hekk kif stabbilit fil-Kap.406 u cioè mhux wiehed compound. Illi qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok. A ma' dan l-affidavit spjegazzjoni dettaljata ta' kif inhadem l-imghax. Liema dokument ser issir referenza ghalih tul din l-ispjegazzjoni. Bhala ezempju fl-affidavit tieghu, is-Sur XXX ghamel skeda fejn turi kif skond hu kif gie kkalkolat l-imghax fuq il-bilanc derivanti mill-perjodu 01.05.1996 – 31.07.1996. Sabiex wiehed jasal ghall-komputazzjoni korretta u spjegata, irid jibda l-kalkolu tieghu proprju mill-15.09.1996, u cioè l-ewwel data meta t-taxxa tkun dovuta ghal dak il-perjodu, u mhux kif ghamel s-Sur XXX mis-6 ta' Jannar 1999. Fid-dokument Dok. A hawn anness, Kolonna A tirrapprezenta d-data ta' meta gie kkalkolat l-imghax. Kolonna B turi l-ammont ta' taxxa ddikjarata, Kolonna C turi l-ammont ta' penali w imghax, Kolonna D turi l-ammont ta' kreditu/pagamenti li saru. Fil-15.09.1996 l-ammont ta' taxxa dovuta ghall-perijodu 01.05.1996-31.07.1996 kienet tammonta ghal LM1,121.02 hekk kif muri f'Kolonna B. Fl-istess data l-ammont ta' penali w imghax dovuta tammonta ghal Lm384.73 hekk kif muri f'Kolonna D. Sabiex jigi applikat dak li jghid il-Kap.406 dwar l-appropriation, fejn l-ewwel ghandu jithallas l-imghax u l-penali, imbaghad it-*

[26] Para. 4.14 u 4.15 tan-Nota ta' Sottomissjonijet tar-Rikorrent.

*taxxa dovuta, l-ammont ta' kreditu ta' Lm384.73 l-ewwel jitnaqqas minnu l-imghax u l-penali ta' LM294.52. Ghalhekk, jifdal issa l-ammont ta' Lm90.21 kif muri f'Kolonna E. Mill-ammont ta' taxxa dovuta ta' Lm1,121.02 ser jitnaqqas il-kreditu disponibbli f'Kolonna E ta' Lm90.21 (wara li tnaqqsu l-imghax u l-penali) sabiex naslu ghat-taxxa 'pura' li tidher li mhix imhallsa li tammonta ghal Lm1,030.81 (Kolonna F). Illi peress li t-taxxa skoperta u cioè mhux imhallsa tammonta ghal Lm1,030.81, l-imghax ta' wiehed fil-mija (1%) fuq dan l-ammont jammonta ghal Lm10.31 kif muri f'Kolonna G. Xahar wara, fil-15.10.1996 l-ammont ta' taxxa dovuta kienet xorta wahda tammonta ghal Lm1,121.02 (Kolonna B). Din id-darba l-ammont ta' imghax u penali jammonta ghal Lm304.83. Din il-figura tirrapprezenta l-ammont ta' imghax tal-15.09.1996 li huwa Lm294.52 u l-ammont ta' imghax ta' 1% li jammona ghal Lm10.31 (Kolonna G) (dan l-imghax ta' Lm10.31 gie ikkalkolat fuq it-taxxa dovuta li tidher f'Kolonna F ammontanti ghal Lm1,030.81 già spjegat supra). Peress li ma saru l-ebda pagamenti, l-uniku kreditu li kien disponibbli baqa' jammonta ghal Lm384.73. Kif sar fil-perjodu ta' qabel, il-kreditu ta' Lm384.73 l-ewwel jigi approprjat u applikat kontra l-multi u l-imghax, li jammontaw ghal Lm304.83. Dan ifisser li l-ammont ta' kreditu disponibbli issa jammonta ghal Lm79.90 (Kolonna E). Mill-ammont ta' taxxa dovuta ser jitnaqqas il-kreditu disponibbli ta' Lm79.90 sabiex naslu ghat-taxxa li tidher li mhix imhallsa li tammonta ghal Lm1,041.12 (Kolonna F). Illi peress li t-taxxa skoperta din id-darba tammonta ghal Lm1,041.12, l-imghax ta' wiehed fil-mija (1%) fuq dan l-ammont jammonta ghal Lm10.41 (Kolonna G). Dan il-process jibqa sejjer bl-istess mod ghal kull xahar li jghaddi. Fl-iskeda annessa johrog car illi l-imghax jibqa' jizdied sakemm finalment jasal sal-massimu ta' 1% fuq it-taxxa ddikjarata. Dan ifisser 1% fuq Lm1,121.02 li jammonta ghal Lm11.21. Minn hawn johrog car li l-imghax m'huwiex qed jigi mahdum bis-sistema tal-compound u dan peress li l-imghax baqa' jiddekorri bl-istess mod (1% fix-xahar fuq l-ammont ta' Lm1,121.02 = Lm11,21 fix-xahar) sakemm fil-15.07.1998 kien hemm kreditu/pagament iehor li jammonta ghal Lm554.49. Dan ifisser issa li l-kreditu/pagamenti disponibbli fil-Kolonna D issa sar jammonta ghal Lm939.22. Li kieku verament id-Dipartiment kien qed jikkalkula l-imghax b'mod compound kif qed jallega l-appellant, allura fil-perijodu bejn il-15.06.1997 u l-15.07.1998 l-imghax ma kienx jibqa' Lm11.21 xahar wara xahar (simple interest), izda l-ammont dovut bhala interessi kien jizdied ghaliex kienu jigu kalkulati l-interessi fuq l-interessi minn xahar ghal xahar (compound interest). Kif wiehed jinnota, fil-15.07.1998 l-imghax naqas minn Lm11.21 ghal Lm7.19 peress li giet segwita l-formola kif spjegata hawn fuq wara li gie disponibbli kreditu jew sar pagament iehor u ghalhekk rega' beda jigi applikat l-appropriation[27].*

It-Tribunal josserva li strettament il-mod kif fil-prattika d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkomputa l-imghax fuq it-taxxa mhallsa tardivament mit-*taxpayer*, ossia kif jidhirlu li ghandu jinterpreta d-disposizzjonijiet tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-imghaxijiet dovuti fuq taxxa imhallsa tardivament u l-appropriation, ma huwiex mertu ta' dawn il-proceduri ghar-raguni li f'dawn il-

[27] Affidavit ta' Roderic Sultana, fol. 111 u 112 tal-process.

proceduri t-Tribunal qed jittratta l-interpretazzjoni korretta tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, liema provvediment tal-Ligi jipprovdi b'mod car li l-imghax fuq refuzjonijiet dovuti mill-Kummissarju tat-Taxxi lit-*taxpayer* ghandu jigi komputat bir-rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu fuq il-valur tar-refuzjoni dovuta, liema komputazzjoni kif già iktar 'l fuq osservat ma tirriflettix komputazzjoni bil-metodu ta' *compound interest*.

Detto ciò it-Tribunal ser jittratta l-kwistjoni tal-komputazzjoni ta' l-imghax a tenur tal-provvedimenti opportuni ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-fini li jindirizza l-pretensjoni tar-Rikorrent li fid-dawl tal-mod kif id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkomputa l-imghax fuq taxxa mhallsa tardivament, ossia, skontu, bil-metodu ta' *compound interest,* huwa ghandu aspettattiva legittima li imghax imhallas lilu mid-Dipartiment ikun ukoll komputat skond il-metodu ta' *compound interest*.

Fir-rigward ir-Rikorrent jikkontendi li *kagun tal-prassi adoperata mid-Dipartiment tal-VAT li jigbor imghax bil-metodu ta' 'compound interst', u jhallsu wkoll bl-istess metodu, l-esponent kellu aspettattiva (jew speranza) legittima li din id-darba wkoll id-Dipartiment kien ser ihallas l-imghax bil-metodu ta' compound interest. Illi fil-fatt, minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet l-ohra, ghandu jirrizulta bic-car li jekk xejn il-ligi tal-VAT mhijiex cara daqs il-kristall dwar il-metodu ta' kif jigi kkalkulat l-imghax, jew ghall-inqas il-ligi ma kenitx esplicita fuq din il-kwistjoni (avolja l-esponenti jissottometti li sija l-ligi u sija l-prassi tad-Dipartiment juru li huwa l-metodu ta' compound interest li japplika*[28]. It-Tribunal huwa tal-fehma pero` li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, in verita` tali aspettattiva legittima ma tissussistix.

L-Artikolu 22(2) ta' l-Att XII ta' l-1994 li kien jittratta dwar l-imghax li kien jigi impost fuq il-hlas tardiv tat-taxxa fuq il-valur mizjud, kien jipprovdi li: *Ikun dovut imghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data meta jkollha tithallas skond dan l-artikolu bir-rata ta' wiehed fil-mija ghal kull xahar jew parti minnu li matulu l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra li tista' tigi preskritta*. L-artikolu 22(4) ta' l-Att XXIII ta' l-1998 kien originarjament jipprovdi l-istess u llum jipprovdi li *jkun dovut imghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data li fiha jkollha tithallas b'rata li l-Ministru ghandu, minn zmien ghal zmien, jippreskrivi b'regolamenti ghal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra hekk kif jista' jigi preskritt.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog li tul iz-zminijiet il-Legislatur dejjem ried li: (i) l-imghax jiddekorri biss fuq it-taxxa fuq il-valur mizjud u fuq l-ebda element monetarju iehor nascenti mid-disposizzjonijiet ta' l-Att, ossia mhux ukoll fuq il-penali ammininstrattivi qual' volta imposti jew fuq l-imghax li jkun iddekorra fuq hlas tardiv tat-taxxa, b'dana ghalhekk li l-kuncett ta' imghax kompost huwa esplicitament eskluz mill-Ligi; u (ii) l-imghax, hi x'inhi r-rata

[28] Paras. 4.36 u 4.37 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.

applikabbli minn zmien ghal zmien, dejjem jigi kalkolat ghal kull xahar jew parti minnu, li kif gia osservat iktar 'l fuq f'din id-decizjoni ma jikkostitwixxix imghax komputat bil-metodu ta' *compound interest*.

Hawnhekk it-Tribunal iqis li ghandu jiftah parentesi zghir u cioe` parentesi dwar dak osservat mir-Rikorrent fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu fejn jikkontendi li: *Illi jezisti argument iehor in sostenn tat-tezi li, al menu dwar il-perijodu in dezamina qabel ma nbidlet il-Ligi, l-imghax kellu jithallas skond il-metodu ta' compound interst u dan ghaliex il-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tas-sena 1999, li hija l-Ligi li kienet tapplika meta l-esponent kien inghata d-differenza ta' l-imghax bejn compound u simple kif imsemmi fit-tieni argument hawn fuq, kienet tghid hekk: "Interest shall be due on any tax which is not paid by the date on which it becomes payable in accordance with this section at the rate of one per cent for each month or part thereof during which the said tax remains unpaid or at such other rates as may be prescribed. Imbaghad 'Tax' kienet iddefinita fil-ligi bhala: 'means the value added tax chargeable under this Act' u kienet biss permezz ta' emenda sussegwenti li imbaghad id-definizzjoni bdiet tghid 'but does not include an administrative penalty or interest'. Illi allura jidher car li meta l-ligi tal-VAT riedet tghid li t-taxxa li fuqha ghandu jiddekorri imghax ghandu jeskludi l-penali u l-imghax, il-ligi qalitha b'mod esplicitu, izda fil-ligi applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-mertu ta' dawn il-proceduri, il-ligi ma kienitx teskludi l-imghax mill-ammont li fuqu jigi kkalkulat l-imghax dovut minn jew pagabbli lit-taxpayer, u galadarba l-imghax jithallas anki fuq l-imghax, dan ifisser bil-fors li l-metodu huwa ta' compound interest. ... Ir-Regolamenti* (mertu ta' dawn il-proceduri) *dahlu fis-sehh fis-sena 1999 u allura peress li r-Regolamenti hargu bhala ligi sussidjarja taht il-ligi tal-VAT, l-interpretazzjoni li ghandha tinghatalhom ghar-rigward il-pagament ta' imghax ghandha tkun il-ligi tal-AVT li kien hemm fis-sehh fl-istess zmien, u cioe` dik li kien hemm fis-sena 1999. Kif gie kwotat hawn fuq, fis-sena 1999, il-ligi tal-VAT ma kinitx teskludi imghax li jkun gie akkumulat fuq bilanci dovuti meta ghandu jigi kkalkulat imghax li ghandu jithallas mid-Dipartiment jew vice versa. Isewgi wkoll li wiehed ghandu jinterpreta r-Regolamenti relevanti fid-dawl ukolll tal-fatti dwar kif kellu jithallas l-imghax fis-sena 1999, u cioe` proprju kif gie kkonfermat fix-xhieda ta' Godwin Valletta stess, bhala eks VAT inspector ta' dak iz-zmien li kien involut fil-pagament tar-refuzjoni ghan-nom tad-Dipartiment, u cioe` li dak iz-zmien l-imghax kien jigi kkalkulat bhala 'compound'*[29].

Tali sottomissjoni tar-Rikorrent hija ghal kollox fallaci u bbazata fuq interpretazzjoni opportunista tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif promulgata matul is-snin. Huwa veru li originarjament, kuntrarjament ghal kif inhi s-sitwazzjoni llum, id-definizzjoni tat-terminu 'taxxa' kienet biss *it-taxxa fuq il-valur mizjud li tingabar bis-sahha ta' dan l-Att*, izda jekk id-disposizzjonijiet tal-Ligi, anke kif kienet fiz-zmien rilevanti, jigu kkunsidrat bil-mod korrett jirrizulta evidenti li l-Legislatur kien qed jirreferi esklussivament ghat-taxxa propria u mhux ukoll ghal kwalunkwe penali amministrattiva w/jew imghax li setghu jigu imposti fuq it-*taxpayer*. Il-kjarifika li saret fid-definizzjoni tat-

[29] Paras. 4.33 sa' 4.35 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.

terminu 'taxxa' ma hija xejn hlief, appuntu, kjarifika, u cioe li fejn fil-Ligi jidher u jintuza t-terminu 'taxxa' tkun qed issir referenza biss u esklussivament ghat-taxxa propria u xejn iktar. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, it-terminu 'taxxa' kif imfisser originarjament bl-ebda mod ma kien jindika jew juri li kwalunkwe imghax kalkolat a tenur tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kellu jigi komputat bil-metoodu ta' *compound interest*.

Dan kollu jfisser ghalhekk li jekk verament, kif allegat mir-Rikorrent, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkomputa l-imghax dovut ghal hlas tardiv tat-taxxa bil-metodu ta' *compound interest*, allura d-Dipartiment ma jkunx qed jimxi skond kif esplicitament tipprovdi l-Ligi fir-rigward ta' l-imposizzjoni ta' l-imghax. Jekk dan huwa l-kaz, it-Tribunal certament ma jistax jassekonda u jissanzjona tali allegata prassi w addirittura japplika din l-istess allegata prassi mhux konformi mal-provvedimenti tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal sitwazzjonijiet ta' refuzjoni kontemplati fil-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01.

F'dan l-istadju t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Abela v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et, Appell Nru. 1540/93** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2004, fejn fost affarijiet ohra l-Qorti trattat dwar talba tar-Rikorrent f'dawk il-proceduri biex l-intimati jigu ordnati johorgu a favur tieghu, senjatament ghall-*omnibuses* li kienu gew minnu importati, licenzja ghac-cirkolazzjoni fit-triq in bazi ghall-affermazzjoni li minkejja dak provdut fir-Regolamenti relattivi, l-intimati jew min minnhom kien hareg licenzji ghac-cirkolazzjoni fit-triq vis-a-vis vetturi li kienu iktar ghola minn 3.2 metri. Fir-rigward ta' tali talba l-Qorti Kostituzzjonali osservat illi *jekk il-Kummissarju tal-Pulizija llicenzja vetturi li kienu ghola minn 3.2 metri dan ghamlu bi ksur tal-Ligi, izda dan il-fatt ma jiggustifikax li huwa (jew l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku) jkompli jikser il-Ligi billi jillicenzja wkoll il-vetturi ta' l-appellant. L-appellant jista' jkollu rimedji ohra ghal dana l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija, izda certament mhux li jistieden lil din il-Qorti sabiex tordna lill-istess Kummissarju sabiex (jerga') jmur kontra d-disposizzjoni cara tar-regolament in kwistjoni.*

Fil-fehma tat-Tribunal, dak osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza japplika anke ghall-kaz in ezami. Ladarba l-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kjarament ma tipprovdix ghal komputazzjoni ta' l-imghax dovut meta t-taxxa tithallas tardivament bil-metodu ta' *compound interest*, u dana minn dejjem hekk kienet, jekk id-Dipartiment, kif allegat mir-Rikorrent, verament jikkomputa l-imghax bil-metodu ta' *compound interest* ikun effettivament qed imur kontra provvedimenti ferm cari tal-Ligi bil-konsegwenza ghalhekk ma hijiex gustifikata, legali u legittima t-talba tar-Rikorrent biex tali komputazzjoni ta' l-imghax bil-metodu ta' *compound interest* tigi applikata anke fil-kaz ta' refuzjoni da parte tad-Dipartiment a favur it-*taxpayer*.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-pretensjonijiet tar-Rikorrent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u l-imghax provdut u kontemplat fir-Regolament 12 tar-Regolamenti Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Hlas lura ta' Taxxa Tas-Sisa fuq Hazniet Kummercjali), Legislazzjoni Sussidjarja

406.01, huwa, u hekk biss jista' u ghandu jigi ikkunsidrat, imghax komputat bil-metodu ta' *simple interest* u mhux bil-metodu ta' *compound interest*.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi r-Referenza avvanzata mir-Rikorrent permezz tar-Rikors ipprezentat fl-14 ta' Marzu 2013, billi jichad *in toto* it-talbiet ta' l-istess Rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi komunikata lir-Rikorrent u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**